TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph u Rosa Farrugia

Vs

Charles u Nathan Mizzi

CCT 10/20/MM

Illum, 4 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 2020 fejn talbu s-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€ 1800), prezz ta' bieb ġdid wara li allegatment il-bieb tar-rikorrenti ġie rovinat mill-intimati wara xogħol magħmul minnhom mhux skont is-sengħa u l-arti, flimkien mar-ritorn lura tal-wiċċ ta' unit.

Ra r-risposta tal-intimati flimkien mal-kontro-talba pprezentati minnhom fil-11 ta' Frar 2020, fejn ikkontestaw it-talba għal diversi raġunijiet, inkluż iżda mhux limitatament għall-fatt li l-oġġett mertu ta' dawn il-proċeduri qatt ma ġie rovinat u jekk wieħed jikkonċedi li kien hemm varjazzjoni fil-kulur, dan ma jrendihx rovinat.

Illi huma qegħdin ukoll jitolbu ħlas ta-somma ta' tmien mitt Ewro (€ 800) rappreżentanti xogħol ta' żarmar u għarmar ta' għamara tal-kamra tas-sodda u alterazzjonijiet u manutenzjonijiet tal-bieb ta' barra oltre danni morali.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti jsostnu illi huma inkarigaw lill-intimati sabiex iwettqu xogħol fuq bieb ta' barra tal-iroko u dan jitwaħħal f'post ieħor. Huma jsostnu li ma kienx hemm bżonn ta' manutenzjoni estensiva minħabba li diġa kien sar xogħol fuqu madwar sentejn qabel. Huma jsostnu li deher mill-ewwel li kien hemm xi problema b'dan il-bieb, għax kien wara trepass ta' xhur li huma ingħataw istruzzjonijiet li jistgħu jieħdu l-bieb tagħhom lura mingħand l-intimati.

Illi r-rikorrenti jsostnu li huma qatt ma setgħu jaċċettaw il-bieb kif kien għaliex kien fi stat differenti minn dak pattwit fosthom bidla fil-kulur u kien saħansitra għadu jdellek.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba, ir-rikorrenti mhux biss isostnu li l-prezz miftiehem għax-xogħlijiet kien dak li globalment jammonta għal Euro 220, iżda li sal-ġurnata ta' llum huma għadhom qed jistennew ir-ritorn tal-wiċċ tal-librerija u żewġ bibien żgħar.

Illi min-naħa l-oħra il-konvenuti jsostnu li huma m'għandhomx jaħtu għall-prodotti li ntużaw fuq il-bieb mill-atturi jew il-mastrudaxxa li kien għamel xogħlijiet qabel fuq il-bieb li setgħu jaffettwaw l-injam. Huma jsostnu, li se mai anki jekk wieħed jikkonċedi li x-xogħol sar ħażin, l-atturi m'għandhomx jiġu kkumpensati għal bieb ġdid iżda biss ammont ammontanti għat-tqaxxir tal-bieb u l-verniċ mill-ġdid.

Illi minkejja li l-konvenuti jagħmlu referenza għal danni morali pretiżi mill-atturi u jsostnu li l-atturi m'għandhomx jiġu kkkumpensati danni morali, dawn mhux ser jiġu kunsidrati minn dan it-Tribunal stante li fit-talba oriġinali tagħhom l-atturi la jagħmlu talba u lanqas referenza għal danni morali.

Fir-rigward tal-kontro-talba, il-konvenuti jitolbu s-somma ta' Euro 800, konsistenti fi Euro 300 xogħol ta' żarmar u għarmar ta' għamara tal-kamra tas-sodda u Euro 500 fir-rigward ta' xogħol li sar fuq il-bieb ta' barra, mertu l-kwistjoni prinċipali.

Ikkunsidra

Illi tajjeb li ssir referenza għall-espert tekniku Dr Vincent Ciliberti, hekk kif nominat mit-Tribunal. Illi l-espert kellu kull opportunita' mhux biss li jisma' x-xhieda iżda saħansitra jaċċedi fuq il-post u jwettaq l-ispezzjonijiet neċessarji. Tajjeb ukoll li jiġi sottolineat illi r-relazzjoni tiegħu ma' ġiet kontradetta mill-ebda parti u dan minkejja kull opportunita' li jsir dan.

Illi l-istess relazzjoni tikkonkludi illi 'mingħajr dubbju[1], il-lewn tal-bieb kif miżbugħ mill-intimati ma jikkombaċi xejn mal-lewn tal-bieb kif muri fir-ritratt, apparti li l-bieb spezzjonat deher li kien ileqq, kuntrarjament għal *fanlight* muri lill-esponenti.' Illi fir-relazzjoni tiegħu jkompli jgħid illi skont l-intimati, 'wara li l-bieb ingħata l-ewwel passata kellu jitħalla jinxef, bil-bieb kif iddikjaraw l-intimati li kellu jingħata erbgħa passati biex ġie skond s-sengħa u l-arti.' Dan huwa kontrastanti għad-dikjarazzjoni preċedenti tagħhom fejn jikkonċedu li 'ż-żegħba ma ridietx tinxef...'

Illi dan it-Tribunal iħossu komdu jikkonkludi li l-intimati naqsu milli jwettqu dak pattwit minnhom skont l-obbligi naxxenti mil-ftehim ta' bejnhom u r-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-ammont li għandu jiġi kkumpensat, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li ġjaladarba dan il-bieb ma ġiex restawrat kif imiss, dan irendih bħala rovinat. Illi ikun ferm inġust li wieħed iqis biss dan il-bieb mil-lat purament ta' funzjoni tiegħu u ċioe li jservi bħala oġġett li jinbarra u jipproteġi ġewwa minn barra, mingħajr ma jitqies l-aspett estetiku tiegħu li effettivament kienet ir-raġuni primarja l'għaliex ir-rikorrenti inkarigaw lill-konvenuti jirrestawraw il-bieb. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jisħqu li l-valur ta' dan il-bieb huwa ammontanti għal Euro 1,800 kif ikkonfermat minn stima ppreżentata minnhom ta' mastrudaxxa Emanuel Camilleri. Stima li tinkkontradixxi jew tikkontesta dan il-valur qatt ma ngabet mill-intimati u dan minkejja kull opportunita' li jagħmlu dan.

Illi fir-rigward tal-wiċċ tal-unit li r-rikorrenti jsostnu li qatt ma ġiet ritornata lilhom, ċertament li ma hemmx ħtieġa sabiex il-konvenuti jżommu iktar dan l-oġġett fil-pussess tagħhom.

Illi fir-rigward tal-Kontro-Talba, l-intimati jsostnu illi huma wettqu diversi xogħolijiet oħra relatati fost oħrajn mal-kamra tas-sodda, il-unit tal-librerija u żewġ bibien żgħar. Illi jidher li hemm diżgwit bejn il-partijiet fir-rigward tal-prezz tax-xogħol li sar fuq l-għamara tal-kamra tas-sodda fejn filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li l-ftehim kien ta Euro 220, l-intimati jisħqu li dan ma jistax ikun qatt għaliex il-prezz tal-injam huwa ferm ogħla. Fil-Kontro-Talba huma jsostnu li l-prezz miftiehem kien ta' Euro 300, filwaqt li fix-xhieda tagħhom permezz ta' affidavit isostnu li huwa ammontanti għal Euro 370.

[1] Emfasi miżjud minn dan it-Tribunal

Illi meta l-assjem tal-provi jittieħed fit-totalita' tiegħu, wieħed jistgħa jasal liberament għall-konklużjoni fuq bilanċ ta' probabbilta' li dak li qegħdin isostnu r-rikorrenti għandu iktar mis-sewwa minn dak allegat mill-konvenut.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti billi jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 1800 rappreżentanti l-valur tal-bieb filwaqt li fir-rigward tal-oġġetti l-oħra għajr il-bieb għandhom jiġu ritornati lir-rikorrenti fi żmien perentorju ta' xahar mid-data tas-sentenza.

Illi fir-rigward tal-Kontro-Talba, dan it-Tribunal qiegħed jilqagħha limitatament u jikkundanna lir-rikorrenti jħallsu l-ammont ta' Euro 220 lill-intimati, filwaqt li l-istess intimati għandhom iżommu l-bieb mertu tal-kawża u jiddisponu u/jew jutilizzawh kif jidhrilhom huma.

L-ispejjeż attribwibbli kwart lir-rikorrenti u tliet kwarti lill-intimati.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru